**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 136/15 AL

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewgin, huma l-genituri tal-minuri X Y B D, li twieldet fl-1 ta' Mejju 2011, hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat ta' twelid immarkat bhala Dokument A.

2. Illi permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Anne Marie Agius fl-24 ta' Ottubru 2014 (Dokument B) il-partijiet fthiemu dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet rispettivi taghhom fir-rigward tal-

minuri X Y B D, inkluz il-mod kif l-esponenti ghandu jezercita l-access tieghu.

3. Illi l-esponenti sab diffikultajiet kostanti u ezasperanti sabiex jezercita l-access tieghu f'mod regolari, hekk kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi kien proprju ghalhekk illi permezz ta' digriet datat 4 ta' Mejju 2015 (Dokument C) dina l-Onorabbli Qorti ordnat, fost affarijiet ohra, li jidhol fis-sehh is-segwenti arrangjament:

> *"Il-Qorti tordna illi minn issa 'l quddiem, fl-eventwalita' li l-minuri tkun ma tiflax fil-jum u hin li jkollha l-access ma' missierha, l-omm ghandha tiehu hsieb illi l-minuri tigi invistata minn tabib u c-certifikat moghti lill-missier u/jew lill-haddiema socjali li tkun qed taghmel il-monitoring, liema certifikat ghandu jkun fih car (1) li t-tifla ma tistax tmur ghall-access; (2) deskrizzjoni tal-kondizzjoni medika tat-tifla; u (3) dikjarazzjoni li t-tabib ikun qara dan it-tielet paragrafu tad-digriet. Fin-nuqqas l-access ghandu jinzamm u jekk l-omm tostakola l-access tal-missier, din l-ordni ghandha tigi enforzata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza ta' haddiema socjali mill-Agenzija Appogg u jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija."*

5. Illi bis-sahha tal-istess digriet il-Qorti ordnat ukoll jkun hemm *monitoring* mill-Agenzija Appogg kemm waqt l-access tal-missier kif ukoll meta l-minuri tkun mal-omm.

6. Illi fl-istess digriet il-Qorti iddikjarat il-proceduri ta' medjazzjoni bhala maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b' kawza fit-terminu legali.

7. Illi wara li dahhlu fis-sehh il-provvedimenti stipulati fid-digriet l-esponenti beda jacceddi ghall-minuri minghajr xkiel.

8. Illi stante allegazzjonijiet serjisimmi li gew maghmula minn l-intimata fir-rigward tal-esponenti, l-intervent tal-Agenzija Appogg kien u ghadu ta' importanza kbira ghall-esponenti. Fuq kollox dana zgur li kien pass li sarraf ta' beneficcju kbit ghal bintu l-minuri.

9. Illi l-esponenti ghandu interess kbir li l-mekkanizmu stipulat fl-artikolu 4 ta' dana r-rikors guramentat jigi formalizzat b'sentenza, tenut kont li C Busittil ma accettatx is-suggeriment ta' l-esponenti li dana l-arrangjament jigi rispekkjat u inkorporat f'att pubbliku.

10. Illi l-esponenti jemmen ukoll illi sakemm dina l-Qorti ma jidhirlix mod iehor, partikolarment wara li tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe rapport ossija direzzjoni li ser eventwalment tinghata mill-Agenzija Appogg, li l-istess Agenzija Appogg ghandha tibqa' tezercita l-inkarigu moghti lilha bis0sahha tad-digriet fuq imsemmi.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex in vista tal-premess:

(i) tordna u tiddikjara illi fl-eventwalita' li l-minuri Noella B D tkun ma tiflahx fil-jum u hin li l-esponenti missierha jkollu access ghaliha, l-intimata ghandha tiehu hsieb illi l-minuri tigi invistata minn tabib u c-certifikat moghti lill-esponenti missierha u/jew lill-haddiema socjali li tkun qed taghmel il-monitoring (jekk ikun il-kaz), liema certifikat ghandu jkun fih car:

(a) li t-tifla ma tistax tmur ghall-access;
(b) deskrizzjoni tal-kondizzjoni medika tat-tifla; u
(c) dikjarazzjoni li t-tabib ikun qara is-sentenza li ser tinghata minn dina l-Qorti f'dak ir-rigward.

Il-Qorti ghandha tordna u tiddikjara wkoll illi fin-nuqqas l-access ghandu jinzamm u jekk l-intimata

tostakola l-access tal-esponenti, dina l-ordni ghandha tigi enforzata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza ta' haddiema socjali mill-Agenzija Appogg u jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija;

(ii) jekk dina l-Qorti thoss li huwa jkun hekk opportun, tordna u tiddikjara illi jibqa' jkun hemm *monitoring* mill-Agenzija Appogg soggett ghal kwalunkwe zmien u soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha opportun timponi.

Bl-ispejjes, kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi preliminarjament l-attur ghandu sas-seduta li jmiss jiddikjara l-ismijiet tax-xhieda li qed jindika fil-paragrafi tlieta, erbgha, hamsa u sitta tal-lista tax-xhieda tieghu u dan kif inhu tassativament rikjest skond Illi preliminarjament l-attur ghandu ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti teccepixxi n-nullita ta' dawn il-proceduri stante li l-attur naqas li t-talbiet tieghu huma imporpibbli stante li huwa mhux qed jitlob varjazzjoni tal-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet u awtorizzat minn din il-Qorti u lanqas indika l-artikolu fl-istess kuntratt li jixtieq li jvarja fl-istess kuntratt li l-attur stess esebiha mar-rikors guramentat bhala Dok B;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i)It-talbiet huma prematuri tenut kont li r-rapport tal-inkjesta magisterjali dwar l-allega abbuz fuq l-istess tifla tal-partijiet da parti tal-attur gie konkluz liema konkluzjoni tal-inkjesta rrizulta li kien hemm abbuz izda li ghal xi raguni l-ispettur investigattiv l-ispettur Joseph D mhux jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-Magistrat Carol Peralta u ghalhekk ma jridx imexxi. Difatti kopja tal-konkluzjonijiet tal-Magistrat Peralta l-ufficju tal-Avukat Generali ma jridx jghaddi lill-esponenti qabel ma tigi konkluza din il-kwistjoni.

(ii)inoltre hija ma ghandhiex mezzi biex thallas ghas-servizzi ta' monitoring ta' l-Agenzija Appogg tenut kont li ghandha twemin ohra xi tmantni wahedha kif ukoll li ma kienx hemm htiega ta' monitoring fil-kaz taghha meta ma kienetx hija li ghamlet hsara lit-tifla.

(iii)Illi jigi rilevat li kien proprju dan l-allegat abbuz li t-tifla qalet lill-ommha li taw lok ghal dawn il-proceduri li fil-umli fehma tal-esponenti din l-Qorti ghazlet li temmen lill-attur minghajr ma tat ebda importanza jew konsiderazzjoni ghall-inkjesta magisterjali jew li hadet ebda passi biex tinkariga lil persuna specjalizzata biex tisma lit-tifla li llum ghandha erba (4) snin.

(iv)Illi zgur li ma kienx gost u pjacir tal-esponenti li toqghod titla u tinzel il-Qorti meta ghandha tewmin ohra ta' sena u ftit xhur x'tiehu hsieb wahedha u trid ukoll tahdem ghalihom u kif taf l-Qorti meta jkollok lil bintek tigi tghidlek li missierha dahhal subajh fil-warrani taghha l-ebda genitur ma jista jhalli din ghaddejja qisu qatt ma gara xejn.

(v)Illi dan l-ahhar it-tifla wkoll qalet lill-ommha li missierha qed iraqqadha mieghu u mal-partner tieghu fl-istess soda u ovjament meta gie konfrontat huwa nnega u qed jghid li dik mhix il-partner tieghu izda bintu l-ohra li torqod maghhom liema binti huwa kellu minn zwieg precedent tieghu. Gara li veru li darba minnhom raqqadha fl-istess sodda ma' bintu l-ohra

Nicole izda d-drabi l-ohra mal-partner prezenti tieghu certu Laura qed iraqqadha fl-istess sodda.

(vi)Illi meta gie konfrontat sabiex iraqqad it-tifla f'kamra ohra issa li ghandha erba snin l-attur qed jirrifjuta li jaghmel dan u minflok jirranga kamra ghat-tifla qed issir jraqqadha mal-art fl-istess kamra fejn jorqod hu mas-siehba tieghu.

(vii)Illi oltre dan donnu li hija xi haga ta' barra minn hawn li t-tifla ta' dik l-eta timrad meta tmur l-iskola aktar u aktar meta mhux l-ewwel darba li missierha jhalliha barra tard meta jmur ghal Kap tax-xoghol tieghu l-airport li jkun gej lura minn Brussel tard bil-lejl.

(viii)Illi ghalhekk hija topponi ghat-talbiet tal-attur kif dedotti dejjem fid-dawl ghal dak li jista jirrizulta fl-inkjesta magisterjali li hemm pendenti quddiem il-Magistrat Carol Peralta kif ukoll li hija ma ghandhiex mezzi biex thallas ghal monitoring tal-Agenzija Appogg meta hija ma tinghata ebda rendikont dwar ta' meta u fi x'hin qed isir dan il-monitoring u minn min .

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'rizerva ghal kontro-talba taghha prezentata kontestwalment. .

5. Li hija ma ghandhiex tbaghti spejjez.

Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ippremettiet:

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni attrici sabiex tipproponi s-segwenti talbiet rikonvenzjonali taghha ghar-ragunijiet segwenti:

1.Illi l-partijiet minn relazzjoni li kellhom twieldet tifla X Y B D fl-ewwel ta' Mejju 2011 (1.5.2011).

2.Illi l-partijiet permezz ta' kuntratt pubblikat minn-nutar Dr Anne Marie Agius tal-24 ta' Ottubru 2014 l-partijiet ftehmu dwar id-drittiiet u l-obbliazzjonijiet rispetivi taghhom fir-rigward tal-minuri X Y B D inkluz l-mod kif l-esponenti ghandu jezercita l-access tieghu (Dok IB anness).

3.Illi gara li t-tifla fit-8 ta' Marzu 2015 meta l-istess minuri giet lura mill-access ma' missierha u bdiet tnezzahha biex traqqadha t-tifla kienet qabdet tibki u qaltilha li meta kienet ghand il-papa kien dahhal subghajh gol-patata u kompliet tistqarr li t-tifla bdiet tghidlu "mama mama" u l-intimat beda jghidilha " no no no u lill-mara tghidlhiex".

4.Illi hija marret taghmel rapport lil pulizija Dok B. u hadet lit-tifla ghand il-gynaecologist Dr Sandra Gauci fejn ezaminat t-tifla u harget certifikat mediku Dok C u fost ohrajn iccertifikat hekk:

> Noella B D
>
> 3yrs 10 months
>
> This is to certify that I have examined the genitals of the above today.
>
> I have found her to be suffering from a small scratch mark which slightly sores on her left side of her ...... Her anus appears to be slightly .... and ragged in outline.

5.Illi fl-10 ta' Marzu 2015 hija hadet lit-tifla ghand it-tabib taghha Dr Bjorn Buhagiar minhabba li matul il-lejl it-tifla kienet mugugha u t-tabib Buhagiar rrefera lir-rikorrenti biex tiehu t-tifla l-isptar Mater Dei u qallha biex tmur tigri

taghmel rapport l-ghassa u ghamlilha referrel ticket ghal Mater Dei kif fil-fatt ghamlet. Dok IB (iv)

6.Illi l-kaz qed jigi investigat mill-pulizija mill-ispettur Joseph D tal-vice squad u ghaddejja inkjesta magisterjali mill-Magistrat Dr Carol Peralta.

7.Illi gara izda li l-esponenti bi zvista ma harkitx lit-tobba li ezaminaw lit-tifla u l-Qorti lill-esponenti ma emnitiex u emnet lill-attur meta xehed li din skuza biex ma taghtihx it-tifla ghall-access u ordnat din l-Qorti permezz ta' digriet tal-4 ta' Mejju 2015 dan li gej:

"*Tirrevoka l-ordni moghtija precedentement fejn ordna is-sospensjoni tal-access tal-missier ghall-minuri. Tordna li l-minuri tkun monitored mill-Agenzija Appogg a spejjez provvizorjament taz-zewg partijeit f'sehem indaqs bejniethom sew waqt l-access tal-missier kif ukoll meta tkun mal-omm. Tordna li l-access jerga jibda b'effett minn meta jsiru l-arrangamenti necessarji sabiex isir il-monitoring.*

*Sabiex tikkumpensa lill-minuri u lill-missier ghat-telf ta' access kemm ilu li gie sospiz, il-Qorti tordna li sal-ahhar ta' Gunju 2015 l-access tal-missier fost il-gimgha jizdied b'jum iehor u cioe jinzamm nhar ta' Tlieta , l-Erbgha u l-Hamis meta l-access fi tmiem il-gimgha jibda mill-Gimgha ghas-Sibt u nhar ta' Tlieta, l-Hamis u l-Gimgha meta l-access fi tmiem il-gimgha jibda mis-Sibt ghall-Hadd. Il-hin jibqa bejn il-5.30pm u s-7.30pm. mill-bqija l-access jibqa kif regolat fil-ftehim ta' bejn il-partijiet fuq imsemmi.*

*Il-Qorti tordna li minn issa 'il quddiem, fl-eventwalita' li l-minuri tkun ma tiflahx fil-jum u hin li jkollha l-access ma' missierha l-omm ghandha tiehu hsieb li l-minui tigi invistata minn tabib u c-certifikat moghti lill-missier u/jew lill-haddiema socjali li tkun qed taghmel il-monitoring, liema certifikat ghandu jkun fih car (1) li t-tifla ma tistax tmur ghall-access; (2) deskrizzjoni tal-kondizzjoni medika tat-tifla; u (3) dikjarazzjoni li t-tbib ikun qaa dna it-tielet*

*paragrafu id-digriet. Fin-nuqqas l-access ghandu jinzamm u jekk l-omm tostakola l-access tal-missier, din l-ordni ghandha tigi enforzata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza ta' haddiema socjali mill-Agenzija Appogg u jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija.*

*Taghlaq dawn il-proceduri ta' medjazzjoni u tawtorizza lill-partijiet jipprocedu b'kawza fit-terminu legali."*

8.Illi l-inkjesta giet maghluq u l-Magistrat Carol Peralta ordna li jittiehdu proceduri kontra r-ragel izda l-ispettur investigattiv qed jopponi li jaghmel dan u bhalissa ghaddejjin diskussjonijiet bejn l-Avukat Generali u l-ispettur investigattiv u l-Avukat Dr Stephen Tonna Lowell li inkarigat l-esponenti dwar il-kaz.

9.Illi hija tixtieq li l-kuntratt tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbghatax (24.10.2014) atti Nutar Dr Ann Marie Agius Dok B dwar l-access jigi varjat u dan stante li l-minuri issa ser jibda jkollha d-duttrina kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis u in vista tal-konkluzjoni tal-magistrat inkwirenti hija tixtieq li tvarja dan l-kuntratt fis-sens li:

Paragrafu numru tnejn (2) dwar l-access mill-missier jigi sostitwit kif gej:

"2 (i)Il-partijiet jaqblu li l-Missier ghandu jkollu access ghall-minuri taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mill-hamsa ta' filghaxija (5pm) sas-sebgha ta' filghaxija (7pm).

(ii) Fil-weekend huwa jkollu access taht is-supervizjoni tal-Appogg gimgha s-Sibt mill-ghaxra ta' filghodu (10am) sal-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm) u l-gimgha ta' wara fil-gurnata tal-Hadd fl-istess hin.

(iii) Fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena , l-Missier ikollu access sena, fil-Milied mill-ghaxra ta' filghodu (10am) sal-hamsa ta' wara nofsinhar (5pm) u fl-Ewwel tas-Sena mill-hamsa ta' wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta' filghaxija

(9pm) u s-sena ta’ wara fil-Milied mill-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) u fl-Ewwel tas-Sena mill-ghaxra ta’ filghodu (10am) sal-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

(iv)Fil-festi tal-Ghid , fil-Gimgha l-Kbira u fl-Ghid mill-erbgha ta’ wara nofsinhar (4pm) sas-sebgha ta’ filghaxija (7pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

(v) F’Jum il-Missier l-minuri tkun mal-missier mill-hdax ta’ filghodu (11am) sal-hamsa ta’ filghaxija (5pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u f’Jum l-Omm l-minuri tkun mal-omm.

(vi) F’Jum il-Festa tal-Kuncizzjoni l-missie rikollu access ghal minuri mill-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

(vii) F’gheluq snin l-minuri fl-Ewwel (1) ta’ mejju li tkun gesta pubblika l-access ghal missier ikun sena mill-ghaxra ta’ filghodu (10am) sal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4pm) u s-sena ta’ wara mill-erbgha ta’ wara nofsinhar sat-tmienja ta’ filghaxija (8pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

(viii) F’gheluq snin il-missier fid-sigha (9) ta’ Mejju l-access ikun mill-hamsa ta’ filghaxija (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) u f’gheluq snin l-omm fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju l-minuri tkun mal-omm dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

(ix) F’kaz li l-minuri tkun marida f’jum partikolari jew it-temp ma jippermettix li l-access jigi ezegwit, dak il-jum jew jiem ta’ l-access ma jigix mitluf izda sostitwit b’jum jew jiem ohra li jigu miftiehma bejn il-partijiet. Il-Partijiet qed jobbligaw ruhhom li fl-eventwalita li l-acccess ma jkunx ser isehh ghal raguni valida minn naha taghhom jew minhabba li l-minuri tkun marida,l-parti li tkun se

tikkancella l-access ghandha tavza lill-parti l-ohra mill-inqas tlett (3) sieghat qabel il-hin li jkun iffissat l-access.

(x) F'kaz ta' xi nuqqas ta' qbil bejn l-partijiet dwar xi kwistjoni li tinqala bejniethom rigward l-kura u l-kustodja tal-minuri jew dwar it-trobbija jew l-andament edukattiv taghha jew dwar il-modalita ta' access, l-partijiet qeghdin minn issa jaqblu li tali kwistjoni tigi riferita lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghad-decizjoni finali in materja.

(xi) Il-Minuri tingabar u tigi ritornata mill-Missier min fejn il-knisja ta' Hal Safi jew kif titlob l-Agenzija Appogg skont il-kaz.

It-tielet paragrafu ghandu jigi sostiwit b'dan li gej:

(i) Illi l-Missier jaccetta u jobbliga ruhu li jivversa u jhallas favur l-Omm accetatni l-ammont ta' tlett mitt euro (€300) kull erba (4) gimghat pgabbli bil-quddiem b'effett mid-data tal-iffirmat ta' dana l-Att bhala manteniment ghal binthom Noella. Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja mahruga minn awtorita kompetenti.

(ii) L-spejjez tal-edukazzjoni u sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri jithalsu mill-partijiet nofs bin-nofs sakemm il-minuri tibqa tistudja full-time jew sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena liema wahda tigi l-ewwel.

(iii) L-manteniment u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u extra kurrikulari jithalsu sakemm il-minuri taghlaq l-eta ta' tmintax (18) il sena jew jekk il-minuri tibqa tistudja fuq bazi full-time sa meta taghlaq l-eta ta' tliet au ghoxrin (23) sena. Madanakollu da nil-manteniment ghandu jieqaf l-eventwalita li l-minuri tkun qeghda tahdem bi qliegh b'mod regolari u fuq bazi shiha (full time) sia jekk dan isehh qabel mal-istss taghlaq l-eta maggorenni u sija wara.

(iv) Tali pagament ghandu jigi versat fil-kont bankarju li l-mara ghandha mal-Bank of Valletta plc u li jgib in-numru Iban Mt 12 VALL 22013000000017904327018.

(v) Children's allowance eu kwalunkwe Family Allowances ohra ghandha tircevihom l-Omm

(vi) Il-partijiet ghandhom jissalvagwardjaw l-morali tal-minuri us-sahha fizika taghha meta din tkun fil-kura taghhom.

(vii) Il-partijiet jaqblu jintrabtu illi huma ghandhom dejjem jagixxu fl-ahjar interess tal-minuri u li kull parti hija intitolata illi ssegwi l-progress edukattiv u ta' sahha, fost hwejjeg ohrajn, tal-imsemmija minuri u, kif gia mfisser, illi tikkontribwixxi u tghidn fihom fejn hekk mistenni.

Talbet li l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1.Tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 2015;

2.Tiddikjara  u tiddeciedi li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Noella B D li l-access tal-missier ikun taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg;

3.Illi konsegwentement tordna li jkun hemm varjazzjoni fil-klawsoli relattivi tal-kuntratt tas-sebgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (27.10.2014) atti Nutara Dr Ann Marie Agius u senjatament :

Paragrafu numru tnejn (2) dwar l-access mill-missier jigi sostitwit kif gej:
"Il-partijiet jaqblu li l-Missier ghandu jkollu access ghall-minuri taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mill-hamsa ta' filghaxija (5pm) sas-sebgha ta' filghaxija (7pm).
Fil-weekend huwa jkollu access taht is-supervizjoni tal-Appogg gimgha s-Sibt mill-ghaxra ta' filghodu (10am) sal-

erbgha ta’ wara nofsinhar (4pm) u l-gimgha ta’ wara fil-gurnata tal-Hadd fl-istess hin.

Fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena , l-Missier ikollu access sena, fil-Milied mill-ghaxra ta’ filghodu (10am) sal-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) u fl-Ewwel tas-Sena mill-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) u s-sena ta’ wara fil-Milied mill-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) u fl-Ewwel tas-Sena mill-ghaxra ta’ filghodu (10am) sal-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

Fil-festi tal-Ghid , fil-Gimgha l-Kbira u fl-Ghid mill-erbgha ta’ wara nofsinhar (4pm) sas-sebgha ta’ filghaxija (7pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

F’Jum il-Missier l-minuri tkun mal-missier mill-hdax ta’ filghodu (11am) sal-hamsa ta’ filghaxija (5pm) dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u f’Jum l-Omm l-minuri tkun mal-omm.

F’Jum il-Festa tal-Kuncizzjoni l-missie rikollu access ghal minuri mill-hamsa ta’ wara nofsinhar (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) dejjem that is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

F’gheluq snin l-minuri fl-Ewwel (1) ta’ Mejju li tkun gesta pubblika l-access ghal missier ikun sena mill-ghaxra ta’ filghodu (10am) sal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4pm) u s-sena ta’ wara mill-erbgha ta’ wara nofsinhar sat-tmienja ta’ filghaxija (8pm) dejjem that is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

F’gheluq snin il-missier fid-sigha (9) ta’ Mejju l-access ikun mill-hamsa ta’ filghaxija (5pm) sad-disgha ta’ filghaxija (9pm) u f’gheluq snin l-omm fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju l-minuri tkun mal-omm dejjem taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

F’kaz li l-minuri tkun marida f’jum partikolari jew it-temp ma jippermettix li l-access jigi ezegwit, dak il-jum jew jiem ta’ l-access ma jigix mitluf izda sostitwit b’jum jew jiem ohra li jigu miftiehma bejn il-partijiet. Il-Partijiet qed jobbligaw ruhhom li fl-eventwalita li l-acccess ma jkunx ser isehh ghal raguni valida minn naha taghhom jew minhabba li l-minuri tkun marida,l-parti li tkun se

tikkancella l-access ghandha tavza lill-parti l-ohra mill-inqas tlett (3) sieghat qabel il-hin li jkun iffissat l-access.
F'kaz ta' xi nuqqas ta' qbil bejn l-partijiet dwar xi kwistjoni li tinqala bejniethom rigward l-kura u l-kustodja tal-minuri jew dwar it-trobbija jew l-andament edukattiv taghha jew dwar il-modalita ta' access, l-partijiet qeghdin minn issa jaqblu li tali kwistjoni tigi riferita lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghad-decizjoni finali in materja.
Il-Minuri tingabar u tigi ritornata mill-Missier min fejn il-knisja ta' Hal Safi jew kif titlob l-Agenzija Appogg skond il-kaz.

It-tielet paragrafu ghandu jigi sostiwit b'dan li gej:

(viii) Illi l-Missier jaccetta u jobbliga ruhu li jivversa u jhallas favur l-Omm accetatni l-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba (4) gimghat pgabbli bil-quddiem b'effett mid-data tal-iffirmat ta' dana l-Att bhala manteniment ghal binthom Noella. Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja mahruga minn awtorita kompetenti.

(ix) L-spejjez tal-edukazzjoni u sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri jithalsu mill-partijiet nofs bin-nofs sakemm il-minuri tibqa tistudja full-time jew sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena liema wahda tigi l-ewwel.

(x) L-manteniment u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u extra kurrikulari jithalsu sakemm il-minuri taghlaq l-eta ta' tmintax (18) il sena jew jekk il-minuri tibqa tistudja fuq bazi full-time sa meta taghlaq l-eta ta' tliet au ghoxrin (23) sena. Madanakollu da nil-manteniment ghandu jieqaf l-eventwalita li l-minuri tkun qeghda tahdem bi qliegh b'mod regolari u fuq bazi shiha (full time) sia jekk dan isehh qabel mal-istss taghlaq l-eta maggorenni u sija wara.

(xi) Tali pagament ghandu jigi versat fil-kont bankarju li l-mara ghandha mal-Bank of Valletta plc u li jgib in-numru Iban Mt 12 VALL 22013000000017904327018.

(xii) Children's allowance eu kwalunkwe Family Allowances ohra ghandha tircevihom l-Omm

(xiii) Il-partijiet ghandhom jissalvagwardjaw l-morali tal-minuri us-sahha fizika taghha meta din tkun fil-kura taghhom.

(xiv) Il-partijiet jaqblu jintrabtu illi huma ghandhom dejjem jagixxu fl-ahjar interess tal-minuri u li kull parti hija intitolata illi ssegwi l-progress edukattiv u ta' sahha, fost hwejjeg ohrajn, tal-imsemmija minuri u, kif gia mfisser, illi tikkontribwixxi u tghidn fihom fejn hekk mistenni.

dejjem skont kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedent;

4.Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relatti ghal kuntratt tas-sebgha u ghoxrin ta' ottubru tas-sena elfejn u erbghatax atti Nutar Dr ann Marie Agius kif sussegwentement emendat bl-effetti ta' din is-sentenza dejjem kif ordnat minn din l-Onorabbli in virtu tat-talbiet precedent, u

5.Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci u

6.Tappunta data , hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relativ
Kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez komprici dawk fl-atti tal-medjazzjoni u proceduri kollha inkorzi quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra l-attur rikonvenjonat li jibqa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi in lineja preliminari jigi eccepit illi l-maggoranza kbira tat-talbiet avvanzati minn C D huma proceduralment

improponibbli stante li ma kienux preceduti mill-proceduri ta' medjazzjoni mandatorji. Dina l-kawza torigina mill-Ittra Ta' Medjazzjoni Numru 370/2015 (AGR) prezentata minn C D – kopja hawn annessa bhala Dokument MED - li kienet tikkoncerna esklussivament is-segwenti: "*Il-partijiet ghandhom ftehim bonarju Dok. A u hija tixtieq li d-dispozizzjonijiet dwar l-access jigu emendati stante li hemm allegat abbuz da parti tal-missier".* Ghaldaqstant l-unici talbiet li C D tista' tressaq huma dak marbuta mal-mertu tal-medjazzjoni u xejn iktar.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-partijiet volontarjament iffirmaw kuntratt pubbliku vinkolanti bl-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet rispettivi taghhom fir-rigward tal-minuri Noella. Ma jezistu ebda cirkustanzi gravi jew eccezzjonali li jistghu iwasslu ghat-tibdil tieghu, u t-t-talbiet l-anqas jinkwadraw ruhhom taht dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi huwa evidenti li t-talbiet ta' C D ma humiex qieghdin jigu avvanzati fl-ahjar interess tal-minuri Noella izda esklussivament u unikament fl-interess taghha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jopponi bil-qawwa ghat-talbiet **kollha** ta' C D. Minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-oppozizzjoni tal-esponenti, l-esponenti qieghed jopponi wkoll ghas-segwenti ragunijiet:

a) Il-minuri ghandha biss 4 snin u ma huwiex minnu li tattendi ghad-duttrina ta' dik l-eta'. Apparti minn hekk kwalunkwe decizjoni ta' dik in-natura trid tittiehed konguntivament bejn il-partijiet.

b) **<u>Il-hinijiet u l-modalita' tal-access ma ghandhomx jigu mibdula</u>**. Hekk, per ezempju, C D ipproponiet li l-esponenti jibda jara lil bintu fil-5pm minflok fil-5.30pm ghaliex taf li minhabba x-xoghol tieghu ikun impossibbli li jigbor lil bintu fil-5pm. Inoltre ma hemm ebda raguni valida ghalfejn l-esponenti ghandu jigi mcahhad minn *sleepover*. Jigi osservat illi C D ilha sa mill-bidu toggezzjoni ghal *sleepovers*, hekk kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri antecedent ta' bejn il-kontendenti koncernanti l-minuri Noella. Ma huwiex

minnu li l-esponenti jraqqad lil bintu flimkien ma nisa barranini jew li jraqqadha mal-art.

c) Minn dak li rrizulta sallum huwa manifestament ovvju li hija C Di li ghandha tigi *monitored* mill-Agenzija Appogg u mhux l-esponenti. Minkejja dan, l-esponenti ma ghandu assolutament ebda problema jekk huwa jibqa' jigi *monitored* ukoll – effettivament kemm ilha li interveniet l-Agenzija Appogg l-esponenti beda jgawdi lil bintu b'hafna inqas xkiel minn qabel.

d) L-ordnijiet moghtija minn dina l-Qorti fid-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 2015[1] ghandhom jibqghu japplikaw *in toto*. Huwa evidenti li C D tixtieq li tali ordnijiet jitnehhew sabiex hija terga' tibda xxekkel lill-esponenti, tant li qeghda tipproponi li ebda wahda minnhom ma jkollha effett, ghajr ghall-*monitoring* tal-esponenti.

e) Dwar manteniment l-esponenti qieghed ihallas lill-intimata manteniment adegwat maqbul bejn il-partijiet u ma hemm ebda lok, kemm legali kif ukoll fattwali, li jigi varjat.

5. Illi l-esponenti ikompli jichad li huwa qatt abbuza minn bintu Noella. Dina hija biss invenzjoni lampanti u oxxena ta' C D sabiex tara kif taghmel sabiex iccahhad lill-missier u l-wild tieghu milli jkollhom relazzjoni normali flimkien. L-esponenti jinsab preokkupat hafna kif C D hija daqstant mgharrfa bil-mod kif inhija mmexxija l-allega l-inkjesta Magisterjali u r-rizultanzi tahhha. Jigi rilevat illi skond C D l-inkjesta Magisterjali kienet sahansitra giet maghluqa qabel ma l-esponenti qatt gie mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva dwar l-allegazzjonijiet fiergha ta' C D.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat.

[1] Dok. C ezebit mar-rikors guramentat.

Illi l-Qorti rat in-nota konguntiva tal-partijiet a fol 84 tal-process, li permezz taghha il-partijiet infurmaw lill-Qorti li f'din il-kawza hemm talba u kontro-talba.

"Li l-partijiet jixtiequ li din il-Qorti taghti sentenza limitatament sabiex jigi konfermat l-kuntratt li sar bejn il-partijiet fis-27 ta' Gunju 2014 atti Nutar Dr Ann Marie Agius u jixtieqhu li tinghata sentenza sabiex fil-paragrafu 2 imsejjah "Access mill-Missier" jizdied paragrafu iehor wara t-tielet paragrafu li jghid kif gej :

*"Fil-vanganzi tas-Sajf il-missier ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-hamsa u nofs ta' filghaxija (5.30p.m.) sad-disgha ta' bil-lejl (9pm) u fil-weekends, u peress illi nhar ta' Gimgha it-tifla se jibda jkollha l-muzew mis-sitta ta' filghaxija (6.00p.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.), l-access tal-missier ghall-minuri ghandu jkun fil-weekends mill-Gimgha mis-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) sas-Sibt fis-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.), u kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-hamsa u nofs ta' filghaxija (5.30p.m.) sad-disgha ta' bil-lejl (9p.m.)".*

Il-Qorti rat in-nota ta' cessjoni tal-konvenuta rikonvenzjonanti C D tat-3 ta' Mejju 2016 li permezz taghha cediet l-ewwel u t-tieni talba; hija cediet ukoll it-tielet talba, ghajr in-nota konguntiva pprezentata u esebita a fol. 84 tal-process. Hija zammet ferm ukoll ir-raba`, il-hames u is-sitt talbiet taghha.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attur A B tal-24 ta' Mejju 2016, li permezz taghha ceda t-talbiet tieghu, b'dan li tinghata sentenza fuq dak li gie maqbul bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmja, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza u l-kontro talba billi tikkonferma l-kuntratt li sar bejn il-partijiet fis-27 ta' Gunju 2014 in atti Nutar Dr. Ann Marie Agius, b'dan illi, fil-paragrafu 2 fl-istess kuntratt imsejjah "Access mill-Missier", jizdied paragrafu iehor wara t-tielet paragrafu li jghid kif gej :

"Fil-vaganzi tas-Sajf il-missier ikollu access ghall-minuri kull nhar Tlieta u nhar ta' Hamis mill-hamsa u nofs ta' filghaxija

(5.30p.m.) sad-disgha ta' bil-lejl (9.00p.m.) u fil-weekends, u peress illi nhar ta' Gimgha t-tifla se jibda jkollha l-muzew mis-sitta ta' filghaxija (6.00p.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.), l-access tal-missier ghall-minuri ghandu jkun fil-weekends mill-Gimgha mis-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) sas-Sibt fis-sebgha ta' filghaxija (7.00 p.m.), u kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-hamsa u nofs ta' filghaxija (5.30p.m. ) sad-disgha ta' bil-lejl (9.00p.m.)".

Il-Qorti tahtar lil Dr. Sean Critien biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relatat ghall-kuntratt tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) in atti Nutar Dr. Ann Marie Agius, kif sussegwentement emendat bl-effetti ta' din is-sentenza. Il-Qorti tahtar lill-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci u tordna li l-kuntratt relattiv jigi ppubblikat fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, il-Belt, Valletta nhar it-22 ta' Lulju 2016 f'nofsinhar.

Il-Qorti tordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.